



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' Marzu 2022
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0079(NLE)

6972/22
ADD 1

LIMITE

CORLX 242
CFSP/PESC 330
RELEX 301
COEST 179
FIN 294

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	8 ta' Marzu 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	JOIN(2022) 35 final
Suġġett:	Proposta Konġunta għal ANNESSI ta' Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument JOIN(2022) 35 final.

Mehmuż: JOIN(2022) 35 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

IR-RAPPREŻENTANT GĦOLI TAL-
UNJONI GĦALL-
AFFARIJET BARRANIN U L-
POLITIKA TA' SIGURTÀ

Brussell, 8.3.2022
JOIN(2022) 35 final

ANNEXES 1 to 4

SENSITIVE*

ANNESI

ta'

Proposta Konġunta għal

Regolament tal-Kunsill

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-
azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna**

* Distribution only on a 'Need to know' basis - Do not read or carry openly in public places. Must be stored securely and encrypted in storage and transmission. Destroy copies by shredding or secure deletion. Full handling instructions <https://europa.eu/db43PX>

ANNEX I

L-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) fit-test introdutturju, it-tielet paragrafu jinbidel b'dan li ġej:

“Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament, oġġetti mhux ikkontrollati li fihom komponent wieħed jew aktar elenkati f'dan l-Anness mhumiex soġġetti għall-kontrolli skont l-Artikoli 2a u 2b ta' dan ir-Regolament.”;

(2) fil-punt c. tas-sottokategorija X.A.I.001 tal-Kategorija I - Elettroniċi, il-punt 2. jinbidel b'dan li ġej:

“2. Riżoluzzjoni ta' 12 bit b'rata ta' output akbar minn 105 Mega Kampjuni kull Sekonda (Mega Samples per Second, MSPS);

(3) fil-punt c. tas-sottokategorija X.B.I.001 tal-Kategorija I - Elettroniċi, il-punt 2. jinbidel b'dan li ġej:

“2. Pullers tal-kristall “ikkontrollati bi programm maħżun” li għandhom xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin:

- a. Rikarikabbli mingħajr ma jinbidel il-kontenitur tal-griġjoli;
- b. Kapaċi jaħdmu fi pressjonijiet ogħla minn 2,5 x 105 Pa; jew
- c. Kapaċi jiġbdu kristalli ta' dijametru ta' aktar minn 100 mm;”

(4) fil-punt i. tas-sottokategorija X.B.I.001 tal-Kategorija I - Elettroniċi, il-punt 1. jinbidel b'dan li ġej:

“1. Tagħmir ta' ‘depożitu kimiku f'fwar’ li jopera taħt il-105 Pa; jew”

(5) fis-subkategorija X.A.VII.001 tal-Kategorija VII - Ajruspazju u Propulsjoni, l-ewwel sentenza tinbidel b'dan li ġej:

“X.A.VII.001 Magni diżil, u tratturi u komponenti ddisinjati apposta għalihom, minbarra dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821.”

(6) fis-subkategorija X.A.VII.002 tal-Kategorija VII - Ajruspazju u Propulsjoni, il-punt c. jinbidel b'dan li ġej:

“c. Magni b'turbini tal-gass aero u komponenti ddisinjati apposta għalihom.”

ANNEX II

L-Anness IX tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fil-Mudell A, ir-referenzi kollha għar-“Regolament XXX/XXX” jenħtieġ li jinbidlu b’“Regolament (UE) Nru 833/2014”.
- (2) Fil-Mudell B, ir-referenzi kollha għar-“Regolament XXX/XXX” jenħtieġ li jinbidlu b’“Regolament (UE) Nru 833/2014”.

ANNEX III

Fl-Anness XIII tar-Regolament (UE) Nru 833/2014, tizzied l-entrata li ġejja li tikkonċerna l-entità elenkata hawn taħt:

“Ir-Reġistru Marittimu Russu tat-Tbaħħir

”

ANNEX IV
‘ANNEX XVI

Lista ta' oġġetti u teknoloġija msemmija fl-Artikolu 3f

Kategorija VI - Marittima

X.A.VI.001 Bastimenti, sistemi jew tagħmir tal-baħar, u komponenti ddisinjati apposta għalihom, komponenti u aċċessorji:

- (a) Tagħmir li jinsab fil-Kapitolu 4 (tagħmir tan-navigazzjoni) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni applikabbli dwar ir-rekwiżiti tad-disinn, tal-kostruzzjoni u tal-prestazzjoni u l-istandards tal-ittestjar għat-tagħmir tal-baħar adottat f'konformità mal-Artikolu 35(2) tad-Direttiva 2014/90/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar it-tagħmir tal-baħar;
- (b) Tagħmir li jinsab fil-Kapitolu 5 (tagħmir tar-radju) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni applikabbli dwar ir-rekwiżiti tad-disinn, tal-kostruzzjoni u tal-prestazzjoni u tal-istandards tal-ittestjar għat-tagħmir tal-baħar adottat f'konformità mal-Artikolu 35(2) tad-Direttiva 2014/90/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar it-tagħmir tal-baħar;”